**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 189/19 AGV**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fit-2 ta' Mejju, 2019 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw iz-zwieg taghhom fl-14 ta' Lulju, 2007 gewwa l-Knisja Parrokkjali ta' H' Attard (certifikat taz-zwieg hawn anness Dok.A) u miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal.

2. Illi l-imsemmija konjugi nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Dottor Timothy Ellis fis-6 ta' Ottubru, 2011 (Dok. B).

3. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-kontendenti kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu rrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 4 tal-istess kuntratt).

4. Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

5. Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

6. Illi l-esponent qieghed jipprezenta affidavit tieghu li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. C.

   Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat li l-intimat m'opponix ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat l-affidavit tar-rikorrent.[1]

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent rnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom isseparati legalment skond kuntratt datat 6 ta' Ottubru, 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Timothy Ellis.

Tikkonferma ukoll li skond il-kuntratt ta' separazzjoni kienu rrinunzjaw mid-dritt rispettiv taghhom li jitolbu manteniment minghand xulxin.

Ir-rikorrent ukoll ipprova li ma hemmx cans ta' rikonciljazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

[1] Ara Dok.C a fol. 7 tal-process.

2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**